MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Numru. 481/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**SPETTUR ANTHONY CACHIA**
**SPETTUR KYLIE BORG**
**VS**
**OMMISSIS**
**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

OMMISSIS

U

OMMISSIS

Talli fis- 27 ta’ April 2012 ghall- habta tas- 12.45hrs gewwa Triq San Patrizju, Belt Valletta;

1) Assocjaw ruhhom flimkien ma’ persuna ohra f’ Malta bil- ghan li jaghmlu delitt/I f’ Malta bil- ghan li ghalihom hem mil- piena ta’ prigunerija, u li ma kinx delitt taht l- Att dwar l- Istampa;

2) Ikkommettew serq ta’ gizirana tad- deheb minn fuq il- persuna ta’ Caterina Agius anzjana ta’ 79 sena liema serq huwa aggravate bil- vjolenza numerika u vjolenza li kienet diretta fuq il- persuna li kienet ghalqet l- eta ta’ sittin sena u bil- valur li ma jeccedix l- €2,329.40;

3) Aktar talli fis- 27 ta’ April 2012 u fil- granet ta’ wara din id- data xjentement f’ Malta laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, li l- valur taghhom ma jeccedix l- €2,329.37 mehudin b’ qerq, jew akkwistati b’ reat, jew xjentemnt b’ kull mid li jkun indahlu biex ibieghu jew imexxu dawn l- oggetti;

Lil Ommissis wahdu nakkuzawh talli;

4) fl- istess data, hin, lok u cirksotanzi ikkommetta delitt li gahlih hemm piena ta’ prigunerija fil- perjodu operattiv ta’ zewg sentenzi sospizi moghtija fil- konfront tieghu b’ sentenza tal- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr G. A. Apap Bologna LL.D datata 10 ta’ Ottubru 2011 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

5) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill- kundizzjonijiet imposti fuqu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) mill- Magistrat Dr Anthony Vella LL.D fid- digriet tieghu ta’ nhar id- 9 ta’ Marzu 2012 li bih tah il- helsien mill- arrest taht garanzija personali u fost kundizzjonijiet ohra li ma jaghmilx reat iehor;

Lil Ommissis wahdu;

6) talli fl- istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal- Kap 446 Artikolu 7 tal- ligijiet ta' Malta imposti fuqu b' sentenza tal- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr Edwina Grima LL.D datata 7 ta' Mejju 2011 liema sentenza saret definittiva u ma tisax tinbidel;

7) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill- kundizzjonijiet imposti fuqu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) mill- Magistrat Doreen Clarke LL.D fid- digriet taghha ta' nhar it- 3 ta' April 2012 li bih tat il- helsien mill- arrest taht garanzija personali u fost kundizzjonijiet ohra li ma jaghmilx reat iehor;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fi stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew l-ammissjoni taghhom, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni taghhom;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 13 ta' Novembru, 2012, li permezz taghha gew indikati l-Artikoli tal-ligi relattivi li tahthom kellhom jigu ezaminati l-imputati ghar-reati mertu ta' dawn il-proceduri;

Rat illi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni sabiex din il-kawza tigi ttrattata sommarjament minn din il-Qorti;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(a), 334(a), 17, 31, 533, 383, 384, 385, 37, 28B, 579 u 579 tal-Kap 9 u Artikoli 7, 21, 23 u 24 tal- Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tikkundanna lil Ommissis sena prigunerija filwaqt li tikkundanna lil Ommissis tmien (8) xhur prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------